MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru. 1090/2006

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**IAN PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Ian Pace ta’ 35 sena, iben John Joseph u Mary Grace nee’ Mumford, imwieled Attard fil-11 ta’ Dicembru 1970, residenti f’113, Triq it-Tarzna, Paola u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 36471(M) fejn gie akkuzat:

1. talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Mejju 2006 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-kapacita’ tieghu ta’ ezaminatur tas-sewqan impjegat ma’ l-Awtorita’ Dwar It-Trasport ta’ Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jhedd;

2. talli, ukoll, fl-istess perijodu u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jhedd li jezigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziega dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi.
Rat illi ll-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:
• tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u
• tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2010, Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat id-decizjoni taghha fuq il-kaz in ezami, liema decizjoni qieghda tigi hawn rappurtata:

*"Mix-xhieda ta' l-**Ispettur Angelo Gafa'** jirrizuta illi l-Assistant Kummissarju Michael Cassar kien ta' istruzzjonijiet lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jinvestiga allegazzjonijiet rigward tixhim minn ezaminaturi tas-sewqan fi hdan l-ADT u ghaldaqstant f'Lulju ta' 2005, l-investigazzjonijiet bdew isiru on a low profile. Fl-10 ta' Marzu 2006 kien iltaqa' ma' l-imputat, in konnessjoni ma' kanditata tas-sewqan li tressqet fuq tixhim. F'dan l-inkontru l-imputat beda juri l-preokkupazzjoni tieghu rigward shabu l-ezaminaturi u kien ta certu dettalji illi kienu jaqblu ma' dawk illi kien ircieva minghand l-Assistant Kummissarju Michael Cassar u cioe li kien hemm xi ezaminaturi li kienu qeghdin jircievu hlas minn instructors partikolari sabiex il-kandidati taghhom jghaddu mill-ezami tas-sewqan u f'certu kazijiet ohra jehlu mill-ezami sabiex l-instructor ikollu aktar introjtu.*
*L-imputat kien ta spjegazzjoni tal-metodu u procedura fl-ezamijiet tas-sewqan u cioe illi l-ewwel il-kandidat ikun irid jghaddi minn ezami tat-teorija u wara illi jikseb success fih, ikun jista' jghaddi ghat-test prattiku tas-sewqan. L-*

*imputat spjega illi fit-test tal-prattika, kandidat jehel jekk ikollu aktar minn hmistax (15)-il fault minuri jew jekk ikollu one grevious jew perilous fault u li dan jitnizzel f'formula appozita. L-imputat informa lil Pulizija illi l-ezamijiet tal-prattika tas-sewqan, ta' certu ezaminatur Nicholai Magrin, ir-rizultat kien ta' 'pass' pero' kien hemm hafna emendi fuq il-formola li jhasseb hazin lil dak li jkun. Apparti minn hekk, il-kandidati ghall-ezamijiet tas-sewqan ma kienux qeghdin jigu maghzula b'mod random izda kienu qeghdin jintghazlu b'mod partikolari mill-ezaminaturi Roderick Galea u Jason Buttigieg.*

*Fit-3 ta' April 2006, l-imputat rega' gie msejjah mill-Pulizija, biex jaghti informazzjoni ulterjuri. Illi nelfrattemp l-Ufficjal Prosekutur kien beda jaghmel l-investigazzjoni tieghu u sab illi kien veru dak illi kien infurmah l-imputat il-ghaliex irrizultalu dak it-tip ta' tixhim mid-Dirigent ta' 'Swallow Motoring School.' Illi ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur beda jinterroga lil Salvu Abela, dirigent ta' 'Swallow Motoring School'. Dan pero', apparti li kkonferma li kien ghadda flus lill-ezaminaturi Jason Buttigieg u Roderick Galea, implika lill-imputat Ian Pace bhala ezaminatur li lilu wkoll kien ghaddielu l-flus, pero' qal illi l-imputat qatt ma ppretendihom bhala dritt, bhalma kienu ppretenduhom iz-zewg ezaminaturi ohra.*

*Illi minhabba li l-imputat kien meqjus bhala informer tal-Pulizija, din l-informazzjoni qalbet il-binarji ta' l-investigazzjonijiet kollha. Saviour Abela nforma lil Pulizija li hu kien jaghti somma flus wahda biex jinqassmu bejn l-ezaminaturi kollha, izda wara xi zmien, dawn l-ezaminaturi kienu tlewmu bejniethom u allura Saviour Abela kien beda jghaddilhom il-flus a bazi personali. Saviour Abela informa lil Pulizija li tlett ijiem qabel, u cioe fis- 27 ta' Mejju 2006, Abela kien ghadda lill-imputat is- somma ta' hames Lira Maltin (Lm5).*

*Spettur Gafa' xehed illi in segwitu ta' din l-informazzjoni, huwa kien arresta lill-ezaminaturi: Roderick Galea, Ian Pace u ftit wara lil Jason Buttigieg.*

*Roderick Galea u Jason Buttigieg ammettew li kienu hadu tixhim u tressqu l-Qorti.*

*L-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet fl-1 ta' Gunju (Dok.AG a fol.12 sa fol.14 u Dok.AG1 a fol.15).*

*Fl-ewwel parti ta’ l-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa qatt ma talab flus lil instructors sabiex jghaddi jew iwahhal xi kandidati. L-imputat stqarr illi kultant, Salvu Abela, kien ihalli hamsa, ghaxra, jew hmistax-il Lira Maltin, il-ghaliex skond hu, “Inkun hadt hsiebu.”*

*Dawn l-ammonti zghar ta’ flus ma kienux ikunu ta’ kuljum jew regolari u qatt ma gew mitluba mill- imputat. Di piu’, dawn il-flus qatt ma influwenzaw lill- imputat biex jghaddi jew iwahhal lil xi kandidat ta’ Salvu Abela. Fil-bidu tas-sena 2005, Salvu Abela kien jghati somma ta’ flus lil Jason Buttigieg sabiex dan iqassamhom bejn l-ezaminaturi Jason, Roderick, Paul, Nicholai u l-imputat u li hu (l-imputat) dahal darba wahda biss f’dan il-ftehim. Sussegwentement kien hemm xi dizgwit. Salvu Abela rega beda jipprova jiffitta lill-imputat biex jaccetta xi flus izda hu rrifjuta, biss, l- imputat jghid illi kien jipprova jinfluwenzah, kontra jew favur, xi kandidat bil-kliem. Ikkonferma li fis-27 ta’ Mejju 2007, Salvu Abela, kien tah hames Lira Maltin (Lm5). Innega li kien ircieva sittin Lira Maltin (Lm60), xi hmistax-il gurnata qabel l-1 ta’ Gunju, 2006. Mistoqsi kemm ircieva flus minghand Salvu Abela, l-imputat iddikjara:*

*“B’kollox nikkalkola li ma ghaqqadtx il-mitt lira fi flus mghoddija lili minghand Salvu. Nerga’ nghid li jiena lil Salvu qatt ma tlabtu flus u tahomli bi pressjoni. L- uniku haga li stajt naghmel nitlaqhom ma’ l-art.” (ara fol.14)*

*L-imputat xehed illi huwa dejjem ipprova li jaghmel is-sistema tat-testijiet aktar gusta u flessibli u kien ghamel rapport dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet lil Maggur Sammut Tagliaferro.*

*“Jiddispjacini li accettajt il-flus imma ma flahtx il- pressjoni ta’ Salvu.”*

*Fit-tieni stqarrija tieghu, l-imputat iccara l-ahhar sentenza fl-ewwel stqarrija tieghu u xehed illi huwa kien irriffjuta ghaxar lira Maltin (Lm10), offruta minghand Salvu Abela, waqt it-test tat-Taljan u li din kienet l-ewwel gurnata illi kellu jibda l-agreement bejnu u bejn l-ezaminaturi l-ohrajn u li ghaldaqstant l- imputat qatt ma ha xejn frott ta’ dan il-ftehim.*

*A fol.16, PS 824 Arthur Mercieca kkonferma z-zewg stqarriji ta’ l-imputat.*

***Christopher Darmanin**, rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u tat-Testijiet, ikkonferma li l-imputat kien impjegat ma' l-ADT bhala driving examiner u ezebixxa Dok.DC a fol.20.*
*Saviour Abela (a fol.21), wara li nghata t-twissija skond il-Ligi, kkonferma li huwa kellu s-'Swallow Motoring School' u li kien jaf l-imputat bhala ezaminatur tal-licenzji tas-sewqan. Salvu Abela kkonferma li huwa kien ghaddha lill-imputat is-somma ta' sittin Lira Maltin (Lm60) xi gimghatejn precedenti u dana ghat-testijiet ta' zewg (2) minn nies u li kien cert fuq dan. Ikkonferma wkoll illi gimgha qabel kien ta mija u tletin Lira Maltin (Lm130) lil Roderick Galea. A fol.23, Abela xehed li l-ezaminaturi tal-licenzji, fil-bidu kienu ghamlu ftehim bejniethom, li l-flus mghoddija minnu jitqassmu ugwalment bejniethom. Qal ukoll illi dak iz-zmien, kull kandidat kien ikollu jiehu l-ezami ghal-licenzja tas-sewqan bejn sitta (6) u sebgha (7) darbiet. Mitlub jghid min kienu dawn l-ezaminaturi illi kienu qeghdin jircievu l-flus biex jghaddu lil kandidati, Salvu Abela, xehed illi fosthom kien hemm l-imputat, Roderick Galea, Jason Buttigieg, Pawlu Grech u Magrin (ara fol.23 u fol.24). Abela xehed illi gieli kien jaghti dawn il-flus lil wiehed minnhom personalment u sussegwentement l-ezaminaturi ggieldu bejniethom. Salvu Abela xehed illi l-flus illi hu kien ghaddi lill-ezaminaturi kienu jkunu tieghu personalment u tal-kandidati li jkunu ser jiehdu t-test. L-ewwel ammont ta' flus li kienu jghaddu, kien ta' ghaxar Lira Maltin (Lm10) kull test, sussegwentement, l-ezaminaturi kienu jipretendu ghoxrin Lira Maltin (Lm20) u mbaghad tletin Lira Maltin (Lm30) (ara fol.25), "Inkella ma jghaddi hadd minn tieghu (tal-Motoring School)."*
*Fil-bidu ta' dan il-ftehim, Salvu Abela jghid illi kien jghaddi l-flus kollha lil Roderick Galea. Sussegwentement l-ezaminaturi kienu ggieldu bejniethom fuq min kellu jilhaq supervisor u ghaldaqstant kienu talbuh biex itihom il-flus individwalment u direttament. Abela xehed illi ghal kull test huwa gieli ta lill-imputat minn hames Lira Maltin (Lm5) sa ghoxrin Lira Maltin (Lm20) u dana sa kemm ikun jiflah il-kandidat. A fol.26 u fol.27, Abela ta c- cirkostanzi ta' kif kienu jiddeciedu fuq l-ammont preciz ta' flus illi kellu jghaddilhom. Abela xehed illi l-imputat kien fost l-ezaminaturi l-iktar moderat ghalkemm kien jippretendi*

*flus. A fol.27 u fol.28, Salvu Abela xehed illi l- aktar li kien qieghed jghaddi flus lill-imputat kien fil- gurnata tas-Sibtijiet il-ghaliex kienu jithallsu overtime u li kien jghaddilu bejn tletin u erbghin Lira Maltin (Lm30- Lm40) kull nhar ta' Sibt.*

***Brian Farrugia**, ghan-nom ta' 'Malta Transport Authority' ikkonferma illi din l-Awtorita' hija entita' pubblika ai termini tal-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***Elaine Bonello**, Human Resources Manger ghall-Awtorita' tat-Trasport, ezebiet Dok.EB il-kuntratt ta' l-impjieg ta' l- imputat mal-Malta Transport Authority, li fih jikkontjeni wkoll il-partikolaritajiet tieghu. Hija kkonfermat illi l-imputat kien driving examiner (ara Dok.EB1 a fol.40)*

*A fol.41, Carlo Brincat, ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.*

***Philip Bonnici** (a fol.45) mill-ETC, ezebixxa l-istorja ta' l-impjieg ta' l-imputat (ara Dok.ETC1 a fol.47 u fol.48).*

*Philip Bonnici (a fol.54) riprodott ikkonferma li kien jahdem bhala driving examiner minn 9 ta' April 2004 (ara Dok.ETC3 a fol.56).*

***Jason Buttigieg** (a fol.57) ikkonferma illi huwa kien jahdem bhala driving examiner ma' l-ADT u li l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu konkluzi. Huwa kkonferma illi kien involut f'tixhim billi accetta pagamenti minghand Saviour Abela, driving instructor ma' l-'Swallow Motoring School,' u li dawn il-flus kienu jinqassmu bejn l-ezaminaturi kollha, inkluz l-imputat u l-ammont ta' flus kien bejn ghoxrin Lira Maltin u tletin Lira Maltin (Lm20-Lm30) ghall kull kandidat.*

*Salvu Abela xehed illi dawn il-flus kienu jitqassmu quddiem l-ezaminaturi kollha, pero' Abela kien jghidilhom illi l-flus kienu il-ghaliex, "Nizziltuli l-vannijiet."*

***Roderick Galea** kkonferma illi huwa kien driving examiner u li l-proceduri kriminali ta' tixhim fil-konfront tieghu, rigward testijiet tas-sewqan, kienu konkluzi. Huwa kkonferma x-xhieda ta' Buttigieg, ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta' Saviour Abela, limitatament, fis-sens li dana kien jghaddi l-flus lill-ezaminaturi bejn mija u mija u ghoxrin Lira Maltin, izda qal illi Saviour Abela kien jaghtihom dawn il-flus il-ghaliex "kien ikollu gurnata tajba" u mhux il-ghaliex l-ezaminaturi kienu jghaddu jew iwahhlu l-kandidati tieghu.*

*A fol.66, huwa kkonferma illi darba minnhom l-imputat irrifjuta dawn il-flus.*

*L-imputat (a fol.72) ikkonferma illi kien driving examiner. Xehed illi l-Assistent Kummissarju Michael Cassar kien baghat ghalih biex jghidlu jekk kien hemm irregolaritajiet fis-sistema ta' l-ezamijiet tas-sewqan u li hu kien ikkonferma dawn l-irregolaritajiet minn dak illi kien sema minghand Saviour Abela ta' l-'Swallow Motoring School' li kien stqarr mieghu (ma' l-imputat) li l-ezaminaturi qeghdin jippretendu illi huwa jhallas ghaxar Lira Maltin (Lm10) biex kandidat jghaddi l-ezami tas-sewqan u hames Lira Maltin (Lm5) biex jehel:*

*"Ir-raguni kienet li Abela ried lil min kien jiflah ihallas, iwahhlu aktar minn darba." (ara fol.73).*

*Ian Pace xehed illi kienet dahlitlu informazzjoni illi kandidat kien hallas tmenin Lira Maltin (Lm80) u xorta wahda wehel u ried jibda jitghallem ma' 'Swallow Garage'. L-imputat kien ghamel il-verifiki tieghu u sab illi kien hu li ezamina lil dan il-kandidat u li ma kienx ha "one cent" u aktar vili il-ghaliex irrizulta li dan l-istudent ghadda on his own merits.*

***Carlo Brincat*** *kien student illi kien ghadda wara li kien hallas sittin Lira Maltin (Lm60) qabel ma ghamel it-test u ghoxrin Lira Maltin (Lm20) ohra wara. Illi dawn il- flus, Carlo Brincat kien hallashom lil certu Stephen Mallia, instructor iehor ma' 'Swallow Garage'. Li fl- inkjesta interna, Stephen Mallia kien ammetta ma' Mark Sammut Tagliaferro illi kien gabar tmenin Lira Maltin minghand il-kandidat Carlo Brincat.*

*L-imputat cahad b'mod kategoriku li qatt ha flus biex jghaddi jew iwahhal lil xi hadd. Illi darba minnhom, Salvu Abela kien tefghalu ghaxar Lira Maltin (Lm10) fil-but sabiex l-imputat iwahhal lil kandidat Taljan ghaliex dan kien jiflah ihallas:*

*"Tant saq tajjeb dan l-istudent li jien ma stajtx inwahhlu...bil-kuxjenza ma stajtx inwahhlu. Ghaddejtu. Kif dhalt fl-ufficju tghajtu l-ghaxar Liri lura quddiem il-kollegi tieghu," *************** ***************u widdeb lil Saviour Abela biex ma jergax igiblu flus. A fol.74 u fol.75, l-imputat jghid illi Abela kien jidhol fl-ufficju wara illi kienu jghaddu xi kandidati minn tieghu, ipoggi xi ghaxar Liri fil-but ta' l-ezaminatur li jkun u r-raguni li kien jghati kien illi dik il-*

*gurnata kien mar tajjeb (fis-sens finanzjarju). A fol.76, l-imputat irribadixxa dak illi qalu x- xhieda Jason u Roderick li huwa kien iwaqqaf it-testijiet mall-ewwel meta jsir xi fault gravi u jghid illi kellu kopji tan- numru ta' l-izbalji illi l-kandidati ta' 'Swallow Garage' kienu wettqu f'dawn it-tests, u li r-rizultati juru fil-fatt li t-tests kienu saru b'mod intier u ma kienux jieqfu hesrem.*

*L-imputat (a fol.77) jghid illi fl-ewwel erba' u ghoxrin siegha ta' l-arrest tieghu, huwa baqa' jichad illi qatt ha flus mill-'Swallow Garage' u li kien vera illi Abela gieli poggielu l-flus, f'sitwazzjoni fejn hu ma setghax jaghtihomlu lura minghajr ma jattira l-attenzjoni tal- pubbliku. A fol.78, jghid illi kien hemm mumenti (f'zewg (2) jew fi tliet (3) okkazzjonijiet) fejn hu zamm il-flus izda rritornahom aktar tard lil Abela.*

*Kien biss meta l-Pulizija qalulu li hu kien ser jinzamm tlett (3) xhur taht arrest, li huwa ceda l-armi u ammetta illi ha xi flus bhala "gifts."*

*In fatti l-imputat ezebixxa Dok.IP2 (a fol.94). L-imputat ukoll ezebixxa Dok.IP (a fol.86) u Dok.IP1 illi juri 'average', 'pass' u 'fail' tat-testijiet illi ghamel hu u r-ragunijiet il-ghaliex il-kandidati ma ghaddewx. L-imputat xehed illi l-Ufficjal Prosekutur u l-Assistant Kummissarju Cassar kienu jafu li huwa kien sahansitra rraporta lill-Assistant CEO u l-Maggur fid-Dipartiment ta' l-Awtorita' dwar l-irregolaritajiet kollha illi kienu qeghdin jigru fl-ezamijiet tal-licenzja.*

*In kontro ezami, giet moqriha l-istqarrija ta' l-imputat u l-imputat xehed (a fol.79) illi jikkonferma illi huwa kien iffirma dik id-dikjarazzjoni. L-imputat xehed illi huwa kien ammetta mhux ghax verament kien ha dawk il-flus, izda il-ghaliex kien iddispjacut illi ma giex emmnut mill-Prosekuzzjoni. L-imputat jaccetta illi kien veru illi l- Ufficjal Prosekutur kien qieghed jitkellem ma' l-imputat, li kien qed jinvestiga l-kaz fuq perijodu ta' sena shiha.*

*A fol.80, l-imputat stqarr illi huwa ma qal xejn fuq it-theddida ta' l-arrest ta' tlett (3) xhur il-ghaliex ma riedx jirraporta lill-Ispettur.*

*A fol.81, l-imputat baqa' jsostni li l-Ufficjal Prosekutur beda jheddu li ser izommu arrestat u jghid li huwa ma ammettiex ghal bribery izda ammetta ghal 'gifts' ghaliex, "dik l-uniku way-out li gieni dak il-hin." Illi b'police bail*

*huwa fehem illi ser jibqa arrestat u baqa jishaq illi huwa qatt ma rcieva flus biex jirranga xi rizultati ta' l-ezamijiet.*

***Gianfranco Selvagi*** *(a fol.90) ikkonferma illi huwa kien ircieva email minghand l-imputat u dana b'referenza ghal Dok.IP2.*

*L-imputat (a fol.92) ezebixxa Dok.IP2, Dok.IP3 u Dok.IP4.*

*Gianfranco Selvagi (a fol.99 et seq.) ikkonferma illi rcieva Dok.IP2.*

***Paul Sammut*** *(a fol.102) ikkonferma li huwa kien gie nfurmat li l-imputat kien gie arrestat minn mart l-imputat. Meta gie rrilaxxat mill-Pulizija, huwa kien prezenti u ra lill-imputat, "Imdamdam, jigifieri jixxengel u lanqas jaf jimxi..." (ara xhieda a fol.103) u li l-imputat kien qallu:*

*"Jiena kelli niffirma ghax qaluli li nista' nehel noqghod tlett xhur hemm gew...qalli biex hrigt minhabba t-tifel u minhabba ommi, qalli kelli niffirma."*

***Carmen Attard****, insturctor ma' 'Philip Motoring School', ikkonfermat illi kienet taf lill-imputat bhala driving instructor ma' l-ADT. Hija qalet illi kellha studentessa, certu Charmaine illi kienet infurmatha illi kienet hallset hamsin Lira Maltin (Lm50) biex tghaddi mit-test tas-sewqan. L-ezaminatur ta' Charmaine kien l-imputat. L-istudentessa qaltilha li kienet ser tmur titghallem ma' 'Swallow Garage'.*

***Dr. Jesmond Cassar*** *(a fol.108) ikkonferma li kien ra lill-imputat xi sentejn qabel u li kien ghaddej minn perijodu ta' ansjeta' kbira minhabba problemi fuq ix-xoghol. Dr. Jesmond Cassar kien General Practitioner u kkonferma Dok.C1 u Dok.C2 bhala certifikati tieghu.*

***Charmaine Agius*** *(a fol.124) ikkonfermat li hija kienet marret tiehu lezzjonijiet tas-sewqan minghand 'Philip Motoring School' u li kienet damet titghallem madwar sena u li kienet telghet erba' (4) darbiet ghat-test. Charmaine Agius gharfet lill-imputat izda ma kinitx taf jekk kienx hu, wiehed mill-ezaminaturi li wahhalha jew ghaddiha mit-test, pero kienet f'pozizzjoni li taghti d-data tal-licenzja taghha ta' meta ghaddiet (Dok.CA) cioe licenzja tas-sewqan taghha li ggib id-data ta' 2 ta' Marzu 2006 (ara fol.137).*

***David Colins*** *ikkonferma li s-sur Selvagi kien infurmahom li kien hemm allegazzjoni ta' irregolaritajiet u li kien qed jigi ssuggeriet illi jkun hemm CCTV cameras. Ikkonferma wkoll illi darba wahda kien dahal l-imputat li qallu illi kellu*

*jammetti mal-Pulizija il-ghaliex ma kienux ser jaghtuh il-liberta' (ara a fol.141).*

***Joseph Fenech*** *ikkonferma li Charmaine Agius detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 474580(M), ma kinitx ghaddiet mit-test tas-sewqan, meta dan kien sar minn Ian Pace (ara xhieda a fol.143 u Dok.JF).*

***Mark Sammut Tagliaferro*** *kkonferma li meta huwa kien Manager tal-'Technical Unit' u 'Driving Instructors', Ian Pace kien wiehed mill-aqwa dirving instructors illi kellhom. Ikkonferma illi r-relazzjonijiet bejn l-imputat u l-instructors l-ohra ma kienux tajbin il-ghaliex dawn kienu hasbu li l-imputat kien iggagbinahom. Ikkonferma illi kienet il-proposta ta' l-imputat li jiddahlu CCTV cameras. Ikkonferma illi wara l-arrest ta' l-imputat, dan qallu, "Kien taht pressure kbir biex jammetti li tah xi gifts," mill-Ufficjal Investgattiv (ara fol.150). Li ezattament wara illi kien arrestat, l-imputat mar ghax-xoghol fl- erbgha ta' wara nofs in-nhar (4:00p.m.). Ikkonferma illi l-ghazla tal-kandidati suppost kellha tkun 'random'.*

*L-imputat Ian Pace ezebixxa Dok.IPX, Dok.IPX2 u transcript Dok.IPX3, transcripts ta' konverzazzjonijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*Mill-assiem tal-provi fuq indikati, jirrizulta b'mod car illi l-imputat, meta ra cirku ta' korruzzjoni u tixhim ghaddej minn taht imniehru, "cirku illi huwa pprova jiddenunzja u jwaqqaf, u meta ra illi l-proceduri sabiex tigi mrazzna din il-korruzzjoni ma kienux qeghdin jigu implimentati bil-heffa kif jishoqq, l-imputat ma gharafx izomm ferm ghat-tentazzjonijiet ta' gwadanjar ta' flus illi ma kienux jaspettaw lilu. Din il-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat almenu kellu gudizzju u amor proprio sabiex ma jaghmilx ingustizzji mal-kandidati illi kienu qeghdin jiehdu t-tests billi jwahhalhom jew jghaddihom meta ma kienux immeritawh. Illi l-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat accetta l-flus f'xi okkazzjonijiet rari bhala rigali, kwazi kwazi, bhala tips u li l-imputat ma gharafx illi kien qed jizbalja meta accetta dawn ir-"rigali".*

*Il-Qorti giet rinfacciata b'eccezzjoni ta' koerzjoni u minacci da parti ta' l-Ufficjal investiggattiv fuq l-imputat illi jsostni li l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja, izda saret biss il-ghaliex gie mhedded bi tlett (3) xhur arrest u*

*detenzjoni kemm-il darba ma jiffirmax ghall-implikazzjoni f'dak li kien qed jigri.*

*Din il-Qorti bl-ebda mod ma takkolji din l-eccezzjoni ta' koerzjoni sollevata mid-Difiza u dana minkejja n-nota tas-sottomissjonijiet studjata, ta' l-abbli Avukat Difensur. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet u mhux semplicement il-ghaliex din il-Qorti ghandha fiducja piena fl-Ispettur Angelo Gafa' u bil-mod korrett illi bih dejjem gab ruhu fix-xoghol tieghu quddiem din il-Qorti fuq medda ta' zmien, imma ghal varji ragunijiet ohra, fosthom:*

*1) L-imputat huwa persuna ta' certu livell ta' edukazzjoni, intelligenza u maturita', bniedem li, certament, jaf id-drittijiet bazilari tieghu, u cioe li bniedem jista' jkun arrestat biss ghal erba' u ghoxrin siegha qabel ma jitressaq il-Qorti. Illum il-gurnata dan il-fatt huwa, fatt bazilari ta' general knowledge li anke t-tfal ta' l-iskola jafuh. Il-Qorti wkoll hija perswaza illi bil-livell ta' edukazzjoni u intelligenza, l-imputat zgur kien jaf li 'police bail' m'huwiex arrest;*

*2) Illi l-imputat gie mghoti l-opportunita', ibiddel f'mod sinifikanti, l-ewwel stqarrija tieghu mill-Ufficjal Investigattiv, kif jidher minn Dok.AG1 u dan l-istat ta' fatt jimmilita b'mod goff kontra l-allegazzjoni ta' koerzjoni;*

*3) Illi l-imputat jaccetta illi huwa kien informer tal- Pulizija ghal cirku ta' korruzzjoni illi kien qed jitwettaq mill-ezaminaturi tal-licenzja tas-sewqan u li ghaldaqstant inbniet relazzjoni ta' fiducja bejn l-imputat u l-Ufficjal Investigattiv, tul dan il-perijodu, fatt iehor illi jimmilita b'mod sostanzjali kontra allegazzjoni ta' coersion. Il-ghaliex m'huwiex verosimili illi wiehed jkollu dik il-kwalita' ta' biza' minn persuna illi ilu jaf u javfa fuq perijodu ta' sena;*

*4) Certament ma huwa xejn verosimili illi l-imputat, wara li jkun kostrett jiffirma stqarrija involontiera` minhabba minacci minn Ufficjal Investigattiv, minacca ta' arrest kontinwu ta' tlett (3) xhur, ma jmurx direttament ghand l-Avukat tieghu u jaghmel rapport lil Kummissarju tal-Pulizija, fuq abbuz ta' poteri ta' Ufficjal gholi tal-Pulizija, mal-Kummissarju tal-Pulizija;*

*5) Lanqas huwa verosimili u ma ghandu xejn mis- sewwa l-fatt li, minkejja li l-imputat jasserixxi illi hareg mid- Depot tal-Pulizija "imdamdam," u dan gie kkonfermat mix- xhud*

*Paul Sammut, l-imputat jirritorna lura ghax- xoghol hekk kif johrog minghand il-Pulizija.*
*Din il-Qorti hi tal-fehema u dana wara li rat l-insenjament ta' l-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-istqarrija ta' l-imputat kienet wahda volontiera, kienet wahda veritiera u li l-imputat induna illi zbalja meta ammetta fl-istqarrija u l-allegazzjoni ta' koerzjoni ma hi xejn hlief sforz biex jiprova jxejjen il-kontenut ta' l-istqarrija tieghu.*
*Dan l-isforz ma kellu ebda effett fuq din il-Qorti.*
*Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghad-dokumenti IPX1 sa 3 li din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' taghtihom piz probatorju il-ghaliex m'ghandha ebda prova ta' min huma l-vucijiet indikati, meta saru r-recordings u l-awtenticita' u l-veracita' tal-kontenut ta' l-istess recordings.*
*Illi din il-Qorti taghraf li l-imputat, a kontrarju ta' Roderick Galea u Jason Buttigieg ma kienx eziga illi jsir hlas mhux misthoqq sabiex il-kandidat jghaddi jew jehel mit-test tal-licenzja tas-sewqan u ghaldaqstant jonqsu l-elementi ewlenin ta' l-Artikolu 112 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Illi l-imputat gie mixli taht l-Artikolu 115(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi:*
*"115. Any public officer or servant who, in connection with his office or employment, requests, receives or accepts for himself or for any other person, any reward or promise or offer of any reward in money or other valuable consideration or of any other advantage to which he is not entitled, shall, on conviction, be liable to punishment as follows:*
*(a) where the object of the reward, promise or offer, be to induce the officer or servant to do what he is in duty bound to do, the punishment shall be imprisonment for a term from six months to three years;"*
*Illi l-Qorti hi tal-fehema illi l-istqarrija veritiera ta' l-imputat, ix-xhieda ta' Saviour Abela u ta' l-Ufficjal Prosekutur huma bizzejjed biex jipprovaw l-elementi kardinali ta' dan ir-reat lil' hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Il-Qorti tifhem illi l-animu li bih xehedu Buttigieg u Galea u ghaldaqstant il-Qorti ma serhitx id-decizjoni taghha fuq ix-xhieda taghhom.*
*Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Ian Pace, mhux hati ta' l-ewwel (1) akkuza li minnha tilliberah, hati*

*tat-tieni (2) akkuza u wara li rat l-Artikoli 18, 115(a), 119 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill- imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena. In vista ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija kostretta, minkejja l-ammont kwazi rrizorju ta' "rigali" li accetta l-imputat, li tordna l- interdizzjoni perpetwa ta' l-imputat il-ghaliex hekk tezigi l- Ligi.*

Rat illi l-imputat appella minn tali decizjoni u, permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid 19 ta' Lulju 2011, dik il-Qorti annullat is-sentenza moghtija u baghtet lura l-atti sabiex l-akkuzat ikun jista jibbenefika mid-doppio esami.
Is-sentenza appellata tghid kif gej:

*Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-*
*1. Illi skont l-Ewwel Qorti l-appellant instab ħati primarjament minhabba dak li hemm imnizzel fl-istqarrija tal-appellat, dak li xehed l-Ispettur Gafa u dak li qal Saviour Abela. Illi l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti zgur ma flietx l-atti tal-kawza sewwa ghaliex kieku ma kenitx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Illi wiehed jibda biex jghid mill-ewwel li kwantu ghal dak li qal l-Ispettur Gafa fuq il-kaz, dana frankament irrakonta x'kien qal lilu haddiehor u għalhekk ix-xhieda ta' dan l-ufficjal ftit li xejn hija ta' xi konfort ta' barra minn hawn legalment. Oltre dan ix-xhieda ta' Saviour Abela mhix ammissibbli għax kien akkużat bl-istess reati. Qorti oħraq ma straħitx fuq ix-xhieda ta' dan ix-xhud. Għalhekk l-Ewwel Onorabbli għamlet apprezzament ħażin tal-provi.*
*2. Illi t-tieni aggravju jitratta l-izball kardinali li ghamlet il-Qorti tal-primistanza dwar il-volontarjeta' o meno tal-istqarrija rilaxjata minn l-appellant. Illi jibda biex l-ewwel wiehed ghandu jiccara ftit id-duhhan dwar l-oneru tal-provi meta d-difiza trattakka l-volontarjeta' ta' statement. Illi jibda biex ghandha ssir referenza ghal dak li jghid l-artikolu 658 tal-Kap. 9 :*
*"kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarriha kemm- i-darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma' gietx imgieghla*

*jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi".*

*Illi ghalhekk jinghad li l-oneru tal-prova li tali stqarrija saret volontarjament jaqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra. Il-prosekuzzjoni ghandha taghti prima facie prova tal-esistenza ta' dan ir-rekwezit u malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarju jigi spustat ghal fuq l-imputat, ossia l-appellant li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu ttiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-precitat artikolu 658 tal-Kap. 9.*

*3. Illi t-tielet aggravju jitratta l-fatt li anke jekk wiehed jghid li l-istqarrija hija volontarja, xorta wahda ma' gewx ppruvati l-elementi tar-reat li tieghu l-appellant nstab hati dwaru. Illi jirrizulta, tant li anke l-Ewwel Qorti alumenu ghamlet enfazi dwar dan, li l-appellant qatt ma talab flus lil hadd, izda se mai kien accetta xi tips zghar minghand Saviour Abela. Il-Qorti stess tghid li l-ammont kien rizorju.*

*Issa element kardinali tat-tieni akkuza li dwarha nstabet htija huwa l-element li dak li jkun '... taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziega dak li l-ligi ma tippermettix .....' ossia li l-imputat biex tinstab htija jrid ikun eziega w cioe' li huwa talab u mhux li nghata tips kif irrizulta f'dan il-kaz. Illi li tesiġi hija u tfisser li tordna/titlob lil dak li jkun xi haga biex taghmel xi haga li mhux suppost taghmel. Issa hawn wiehed irid joqghod ferm attent ghaliex (1) ma gie qatt ippruvat li l-appellant bhala ezaminatur ghamel xi ħaġa li ma kellux jagħmel u (2) ma gie qatt ippruvat li l-appellant esiġa xi haga minghand xi haga. Illi ghalhekk, l-appellant ma seta qatt jinstab hati tat-tieni akkuza w kellu jigi lliberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu. Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, li kieku nghalqu ghajneja w naccettaw l-istqarrija bhala volontarja, x'ghamel iktar l-appellant minn Paul Grech? Ir-risposta hija xejn ghaliex li taccetta "tip" ma tinkwadrax taħt l-element li bniedem jesiġi u ghalhekk l-akkuza ma hijiex provata kif tajjeb iddikjarat il-Qorti diversament preseduta fil-kaz kwutat. S'intendi jekk wiehed ikollu konsiderazzjonijiet li huma pro-prosekuzzjoni forsi dawn il-finezzi ma jarhomx, izda certament li l-akkuzi kontra l-appellant ma' setghu qatt jigu ppruvati.*

*Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.*

*Ikkonsidrat.*

*Il-Qorti eżaminat is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti li tinsab fil-paġni 198 sa 212 tal-proċess.*
*A fol. 211 l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:*
*"Illi din il-Qorti tagħraf li l-imputat, a kuntrarju ta' Roderick Galea u Jason Buttigieg ma kienx esiġa illi jsir ħlas mhux mistħoqq sabiex il-kandidat jgħaddi jew jeħel mit-test tal-liċenzja tas-sewqan u għaldaqstant jonqsu l-elementi al-Artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*Illi l-imputat ġie mixli taħt l-artikolu 115(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*
*'115. Any public officer or servant who, in connection with his office or employment, requests, receives or accepts for himself or for any other person, any reward or promise or offer of any reward in money or other valuable consideration or of any other advantage to which he is not entitled, shall, on conviction, be liable to punishment as follows:*
*(a) where the object of the reward, promise or offer, be to induce the officer or servant to do what he is in duty bound to do, the punishment shall be imprisonment for a term from six months to three years;'*
*Il-Qorti hi tal-fehma illi stqarrija veritjiera tal-imputat, ix-xhieda ta' Saviour Abela u tal-uffiċjal Prosekutur huma biżżejjed biex jipprovaw l-elementi kardinali ta' dan ir-reat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti tifhem illi l-animu li bih xehdu Buttigieg u Galea u għaldaqstant il-Qorti ma serħitx id-deċiżjoni tagħha fuq ix-xhieda tagħhom.*
*Illi għal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat Ian Pace mhux ħati tal-ewwel(1) akkuża li minnha tilliberah, ħati tat-tieni (2) akkuża u wara li rt l-artikoli 18 , 115(a), 119 u 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena. In vista tal-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hija kostretta, minkejja l-ammont kważi irriżorju ta' 'rigali' li aċċetta l-imputat li tordna l-interdizzjoni perpetwa tl-imputat għaliex hekk tesiġi l-Liġi."*
*Issa skont l-artikolu 382 tal-Kap 9*
*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-*

*piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull Liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

*L-Avukat Ġenerali kien ta dawn l-artikoli:*

. *(a) 18, 115(a) u 119 tal-Kodiċi Kriminali;*

. *(b) 18, 112 u 119 tal-Kodiċi Kriminali;*

. *(c) 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Minn eżami tal-parti tas-sentenza riprodotta hawn fuq:*

*(i) Skont il-proċess it-tieni akkuża li tagħha nstab ħati l-imputat taqa' taħt l-artikolu 112 tal-Kap 9 u mhux l-artikolu 115(a) kif indikat fis-sentenza.*

*(ii) L-artikolu 532A għandu x'jaqsam mad-danni u mhux mal-interdizzjoni.*

*(iii) Aktar importanti iżda huwa li waqt li fil-paragrafu li jibda bil-kelmiet 'Illi din il-Qorti', il-Qorti qalet li jonqsu l-elementi ewlenin ghal-artikolu 112 tal-Kap 9, fil-parti deċisiva tal-aħħar, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.*

*(iv) Barra dan, meta kkontemplat l-artikolu 115(a) tal-Kap 9, il-Qorti kkonkludiet li x-xhieda ta' diversi persuni hija biżżejjed biex jippruvaw l-element kardinali ta' dan ir-reat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-ewwel imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 115 tal-Kap 9. Issa fil-parti deċisiva l-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni.*

*Fil-fehma tal-Qorti minħabba dawn l-erba' elementi s-sentenza mhix konformi mal-artikolu 382 tal-Kap 9. Għaldaqstant qed tqajjem in-nullita' ex ufficio u qed tiddikjar nulla s-sentenza fl-ismjiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) versus Ian Pace mogħtija mill-Qort tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 t'Ottubru 2010. U qed tibgħat dawn l-Atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant ikun jista' jibbenefika mid-doppio esame."*

Rat illi, kif jidher fis-sentenza appellata u rimandata quddiem dina l-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet, fl-argumentazzjoni taghha, sabet lill-akkuzat hati ta' korruzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 115 (a) tal-Kap 9 u ma sabitux hati talli esiga l-flus a tenur ta' l-artikolu 112 tal-Kap 9, izda, fid-decizjoni taghha, illiberatu mill-akkuza ta' korruzjoni filwaqt illi sabitu hati talli esibga il-flus. Kien

ghalhekk illi l-Qorti ta’ l-Appell irrimandat l-atti kollha lura sabiex jergghu jinbdew mill-bidu.
Rat illi fis 16 ta’ Mejju 2012, id-difiza esentat il-Prosekuzzjoni milli terggha tirriproduci x-xhieda kollha gia mismugha quddiem dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-proceduri originali eventwalment appellati.
Semghet ix-xhieda ta’ **Saviour Abela** moghtija fis 16 ta’ Ottubru 2012.
Semghet ix-xhieda ta’ **l-Ispettur Angelo Gafa’** moghtija fil 5 ta’ Gunju 2013.
Semghet ix-xhieda ta’ l-imputat **Ian Pace** moghtija fit 22 ta’ Ottubru 2013.
Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fil 21 ta’ Jannar 2014, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat**
Mill-provi prodotti jirrizulta ben ippruvat illi l-akkuzat kien il-persuna li kien gharraf lill-Awtoritajiet kompetenti li fil-qasam tat-testijiet tal-karozzi, fejn huwa kien jahdem bhala driving instructor ma’ ohrajn, kienet ghaddejja sistema shiha ta’ tixhim ta’ l-istess ezaminaturi da parte ta’ l-instructors fejn uhud mill-‘instructors’ kienu jghaddu flejjes lill-ezaminaturi sabiex jghaddu lill xi studenti jew, terggha, ma jghadduhomx sabiex kunu jistghu jibqu jdahhlu aktar flus minnhom.
Jirrizulta illi, di fatti, l-imputat kien il-persuna, ossija il-‘whistle blower’ kif wiehed jista jiddefinih, li kien gharraf lill-kullhadd dwarha u kien sahansitra ikkollabora assidwament mal-Puluzija bil-ghan illi dina s-sistema ta’ tixhim tigi eliminata u minn kien resposabbli ghaliha jinstab hati fil-Ligi.
Jirrizulta illi l-persuna principali involuta fis-sistema tat-tixhim kien Saviour Abela, sid ta’ skola ta’ tghalim bl-isem ta’ Salvu’s Motoring School li, flimkien ma’ zewgt ezaminaturi bl-isem ta’ Jason Buttigieg u Roderick Galea, kienu niedu sistema ta’ hlasijiet li kienu jinghaddew minn Abela lilhom, liema hlasijiet kienu jsiru b’mod regolari lilhom.
L-akkuzat, illi kien ezaminatur flimkien ma’ Buttigieg u Galea, mument minnhom wara illi bdiet l-investigazzjoni fid-dettall wara diversi laqghat ta’ informazzjoni tal-

Puluizja ma’ l-akkuzat, gie mixli minn Abela, flimkien ma Buttigieg u Galea, illi anke l-akkuzat kien jiehu l-flus u kien ghalhekk illi l-prosekuzzjoni niedet proceduri kontra l-akkuzat.
Jirrizulta illi, waqt l-investigazzjoni, l-akkuzat kien arrestat mill-Puluzija li kien qed jinvestigah, l-Ispettur Angelo Gafa’ u kien sfurzat illi jaghmel stqarrija fejn ammetta illi kien ircieva b’kollox madwar mitt Lira Maltin minghand Salvu Abela tul is-sistema kollha, f’pagamenti ta’ hames liri jew ghaxar liri jew hmistax-il lira. Huwa stqarr illi tali flejjes, Abela kien jghaddihomlu kull tant zmien ghax kien jiffittah. Madanakollu, kif ghamilha cara fit-tieni stqarrija tieghu li l-imputat ta’ lill-Pulzuija l-ghada li ta’ l-ewwel stqarrija, liema stqarrija l-imputat insista li ta ghax il-Pulzuija qallu li kien ser izommu arrestat u ma setghax johrog minn hemm, ghalkemm Abela kien jghaddilu tali flejjes, l-imputat insista li dana ma kien jaffettwa bl-ebda mod l-andament ta’ l-ezami.

**Ikkunsidrat**
Il-provi tal-prosekuzzjoni huma bbazati principalment fuq ix-xhieda ta’ Saviour Abela kif korroborata minn Jason Buttigieg u Roderick Galea.
Xhieda ohra, bhalma huma ta’ Carlo Brincat u Charmaine Agius, studenti illi kienu allegatament ghaddew flus lill Abela sabiex jaghmlu t-test tas-sewqan, bl-ebda ma jimplikaw lill-intimat fit-tixhim, u Carmen Attard, ghalliema ohra bhal Saviour Abela, izda fi skola differenti, tikkonferma illi kien Saviour Abela il-persuna li wiehed kellu jmur ghandu biex jghaddi ezami tas-sewqan.
Finalment, Mark Sammut Tagliaferro, manager fi hdan l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta tad-Driving Instructors, kien stqarr illi l-imputat kien l-ahjar instructor illi kellhom u ma kellhux relazzjoni tajba ma’ l-instructors kollha l-ohra peress illi kienu jahsbu li ser jiggabinahom.

**Ikkunsidrat**
Illi x-xhieda ta’ Saviour Abela, mismugha wkoll minn dina l-Qorti, ma tistax titqies bhala wahda attendibbli ghall-proceduri odjerni, peress illi Abela kien il-persuna principali illi kien qed imexxi dina is-sistema ta’ tixhim fit-

testijiet u kien qieghed jibbenefika minn tali sistema u ghalhekk, l-imputat, ghalih, kien il-kagun ta' l-inkwiet kollu tieghu, peress illi kien biss wara illi l-imputat gharraf lill-Puluzija dwar dak kollu li kien qed jigri fit-testijiet, li s-sistema kollha inkixfet u ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu.
L-istess ghandu jinghad fuq Jason Buttigieg u Roderick Galea, li certament ibbenefikaw mis-sistema ta' tixhim u qatt ma ghamlu xejn sabiex iwaqqfuha. Di fatti, kif stqarret dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-kawza imnieda kontra l-istess Jason Buttigieg u Roderick Galea u deciza fuq ammissjoni taghhom fis 27 ta' Ottubru 2006,
"Illi lanqas ma l-Qorti temmen ma' l-impressjoni li qed jipprovaw jaghtu l-istess akkuzati li huma fil-fatt gew sfurzati go xi nasba li ma setghux johorgu minnha ghax frankament sakemm is-sitwazzjoni kienet vantagguza u onoruza ghalihom ma ghamlu xejn dwarha."
Ix-xhieda ta' Buttigieg u Galea certament gahndha tinghata il-piz li jisthoqqilha fid-dawl tal-fatt illi, a differenza minnhom, l-intimat kien irrapporta is-sistema ta' tixhim li kien qed isir u, aktar u aktar, fid-dawl tal-fatt illi Buttigieg u Galea instabu hatja tort ta' l-intimat. u xejn aktar.
L-istess dubju dwar l-attendibbilita' tax-xhieda ta' Saviour Abela, Jason Buttigieg u Roderick Galea giet anke espressa minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-kaz 'Il-Puluzija vs Paul Grech' deciza fit 8 ta' Novembru 2007.

**Ikkunsidrat**

Fil-provi prodotti, jirrizulta ammess anke mill-intimat illi f'mument minnhom, minhabba f'pressjoni ta' Saviour Abela, l-akkuzat kien accetta xi pagamenti zghar ta' hames liri, ghaxar liri jew hmistax-il Lira Maltija, liema pagamenti ma ammontaw globalment ghal aktar minn mitt Lira Maltin.
Mill-provi prodotti, jirrizulta wkoll illi l-pagamenti kienu kemm ta' natura relattivament zghira u kienu jinghataw wara illi kien isir it-test lill-istudent ta' Saviour Abela.
Dina l-kwistjoni, f'kaz illi kien jirrigwarda l-istess kaz ta' tixhim fit-testijiet tas-sewqan, u li kien jirrigwarda skrivan li kien jipprocessa it-testjiet tat-teorija, giet ikkunsidrata fid-dettall mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Il-Pulizija vs David

Gatt" deciza fil 11 ta' Novembru 2011, u il-Qorti ta' l-Appell ghamlet is-segwenti apprezzamenti li ghandhom jigu kkunsidrati minn dina l-Qorti:
*" … taht il-ligi Maltija fejn sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (emfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Fejn il-Professur Mamo jghallem li "as Section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*
*" … l-ligi Maltija qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal-ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista` jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta il-"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto" jigi msarraf f'dak miftiehem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat."*
*"Din il-Qorti mhix tal-fehma illi dawn iz-zewg (2) liri jistghu b'xi mod jigu kkunsidrati bhala hlas jew kumpens tax-xoghol illi ghamel l-appellant. L-ammont hu wiehed irrizorju u ma hemm l-ebda relattivita' bejn ix-xoghol illi ghamel l-appellant u dan il-kumpliment illi ghamillu Mallia. Ghalhekk dan jinkwadra fis-shieh fit-taghlim tal-Manzini u ta' l-Antonizei meta jghidu illi "non costituiscono corruzione i piccoli doni occasionali complimentosi di commestibili, di bibite, di sigarri . . . guai se si dovesse sindicare troppo minutamente la sincerita' e il disinteresse di tutte le cortesie che si ricevono."*
Tali konsiderazzjoni kollha ma jistghux ma jigux abbracjati wkoll minn dina l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha u il-Qorti qieghda tasal ghal tali konkluzjonjiet ghar-ragunijiet segwenti:
1. Ma saret ebda prova li kien hemm "il-concorso delle due volonta' del corruttore e del corrotto"
2. L-ammont li thallas lill-imputat kien wiehed irrizorju, kif di fatti irrilevat anke l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat tali kawza originalment.

3. Ma jidher illi ma kien hemm ebda proporzjonalita’ bejn l-ammont illi thallas l-intimat u is-servizz illi ghamel l-istess intimat bhala ufficjal pubbliku
4. Illi tali flejjes mghoddija inghaddew wara illi l-imputat qed id-doveri tieghu u ma jidhirx illi qatt kien hemm xi ftehim dwar dan in propozitu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi
Wara illi rat l-Artikoli 18, 112, 115(a), 119, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
Ma issibx lill-imputat Ian Pace hati ta’ l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu.
U ghalhekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------